SANNAT

Minuti tal-laqgħa numru erbatax il-laqgħa tas-seba' tal-leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa, 12 ta' Mejju 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1. Approvazzjoni tal-Minuti**

664 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru tnax li tkompliet fit-8 ta' April 2010 u tal-laqgħa numru tlettax imsejħa b'urġenza nhar is-26 ta' April 2010.

**Item 2. Mill-Minuti**

665 (para. 622) Maria Cassar Sultana li ntgħażlet għal post ta' p*art time Clerk* skala 15 ngħatat sa' nhar it-Tnejn, 2 ta' Mejju 2010 sabiex tagħti r-risposta tagħha jekk hix ser taċċetta dan l-impieg b'paga ta' Skala 15 skond is-sejħa. Din kitbet li hi għandha dritt li tibqa' bl-istess paga. Wara li ġie verivikat mal-MPO u ġie konfermat lill-Kunsill li din ser titlef kull dritt għaliex trid tirreżenja mill-post fejn qed taħdem biex tiġi mpjegata mal-Kunsill bi grad u paga ta' Skrivan Skala 15 u titħallas bl-istess grad. Din baqgħet ma tatx risposta u għalhekk il-proċess baqa' miexi għal sejħa pubblika. L-ETC ġiet infurmata u għandha toħorġ l-permess biex il-Kunsill joħroġ is-sejħa fuq il-ġazzetti.

667 (para. 597) Il-perit Edward Scerri bagħat kopja ta' email li bagħat lil Mario Gatt ta' Gatt Tarmak Ltd. fejn fakkru dwar is-*site visits* li kienu saru fi Triq Santa Marija sabiex il-parti fejn qed iżżomm l-ilma tiġi rranġata ħalli jkun jista' jitħallas għax-xogħol ta' resurfacing bil-*hot rolled asphalt* li sar mill-kumpanija tiegħu f'din it-triq u parti minn Triq Dun Xand Aquilina. Min-naħa ta' Gatt ma kienx hemm risposta. Dan ix-xogħol ilu pendenti madwar sitt snin.

668 (para. 600) Il-GreenPak bdiet is-servizz ta' ġbir ta' skart separat fis-26 ta' April 2010. Qabel dan il-kuntratt għandu jiġi ffirmat il-kuntratt mal-WasteServ Ltd. Il-Wasteserv Ltd. ikkonfermaw li min-naħa tagħhom ma jsibux oġġezzjoni l-kuntratt mal-GreenPak jibda mis-26 ta' April 2010. Huma talbu sabiex il-Kunsill jiffirma l-kuntratt tal-kiri tal-*bring in sites* li

jkun għal sena. Wara l-bins isiru tal-Kunsill. Tal-bins trid issir garanzija ta' €450 favur il-Wasteserv Malta Ltd.

669 (para. 644) Il-Kunsill ingħata €466 għal librerija lokali mis-Segretarjat għal informazzjoni Pubblika, Gvern Lokali u tal-Konsumatur. Dawn huma €230 f'vouchers mingħand il-Merlin Library u €236 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali skont Memo 16/2010. Il-librara qed tagħżel il-kotba. Ma' dan l-ammont ta' flus irid jiżdied l-ammont ta' flus li kien ingħata għall-istess għan, is-sena l-oħra.

670 (para. 619) Il-bank tal-pjazza li tkisser waqt li kien qed isir xogħol ta' twaqqiegħ tal-bini eżistenti fil-Pjazza Santa Margarita għadu ma nġabx ieħor floku. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lil Salvu Tabone, il-proprietarju tal-post fejn kien qed jitwaqqa' l-bini sabiex jgħid lil Kunsill minn kien il-kuntrattur li kien qed jaħdem hemmhekk.

671 (para. 623) Joe Magro lesta x-xogħol ta' *patching* li kien hemm, fosthom fi Triq Skerla u fi Triq Mġarr ix-Xini.

672 (para. 625) Wara komunikazzjoni ma' Ruben Said dwar is-slow signs fl-art fi Triq il-Kbira rriżulta li dawn jisgħu jsiru sa 50km.

673 (para. 630) Rigward il-bozza fi Triq Xabbata, il-Contracts Manager Galea Curmi rrakommanda li dik li hemm fil-qrib tinbidel u ssir waħda ta' 150 watts flok dik ta' 70 watts. Il-Kunsill qabel li jekk isir kif ippropona l-inġinier Galea ma jaffetwax id-dawl fejn hu bżonjuż.

674 (para. 653) Rigward l-attivita' Notte Gozitana intalbu €250 lill-Kunsill mill-Kumitat tal-kultura għal xi materjal li ser jibqa' proprjeta' tal-Kunsill u jista' jintuża f'attivitjiet oħra.

675 (para. 642) Dwar il-WiFi għal pjazza saret spezzjoni u ngħata l-parir jeħel mal-Kunsill irridu nindikawlhom fejn ser jiġi il-modem. Il-modem ser jitpoġġa fil-librerija.

676 (para. 643) B'referenza għal Memo 52/2010 dwar l-Skema ta' għajnuna Finanzjarja għal korsijiet *Life Long Learning* għandha ssir laqgħa fil-31 ta' Mejju 2010 fil-Kunsill tal-Mosta. fejn tiġi mnedija uffiċċjalment l-iskema. Trid tintbagħat konferma ta' min ser imur sal-26 ta' Mejju. Il-Kunsillier Teddy Bajada ser imur għal din il-laqgħa.

677 (para. 654) Ix-xogħol mis-Segretarji fuq it-tender il-ġdida tal-ġbir tal-iskart domestiku miexi. Il-Kunsill ikkonferma li l-ġbir tal-iskart fil-lokalita' ta' Sannat għandu jsir bejn it-8.00 a.m. u 10.00 a.m. Il-Kunsill qabel li jkompli jipprovdi s-servizz tal-bins on wheels li hemm fil-lokal u dawn għandhom jinġabru kuljum. Irridu nniżlu n-numru tal-bins li hemm fil-lokal.

678 Wara li nkitbet ittra oħra lil Rene Ventura Savona tal-IPSL, dan kiteb lura u qal li kien qed isir xogħol ta' manutenzjoni fil-għassa tal-pulizija taż-Żebbuġ. Wara li jispiċċa x-xogħol ta' hemmhekk ser jibgħathom Ta' Sannat. Dawn il-ħaddiema ġew għal ġimgħa u reġgħu ħaduhom din id-darba biex jagħmlu xogħol ix-Xlendi li qalu li hu urġenti.

679 Il-ħaddiema tal-ETC kienu qed jaħdmu fuq il-bankina ta' Carmel Bajada, fi Triq it-Tempju ta' l-Imramma. Il-perit ġie biex jivverifika kif ser tiġi l-bankina. Meta ra l-bankina ta' ma ġenbha li kienet fl-istess stat ħażin, ippropona li din tiġi rranġata wkoll bl-istess livell tal-oħra. Il-ħaddiema tal-CWS kienu qed jieħdu fit-tul biex poġġew il-kurduna u s-sid qabad u


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

poġġa l-madum li xtara hu stess. Meta ġew il-ħaddiema tal-IPSL qalaw il-bankina u irmew il-materjal fl-Skip. Is-sid l-ieħor ried li jagħmel il-bankina mtarġa u l-perit ma qabilx u ried li tiġi mżerżqa minn tarf sa taf biex taqbel ma ta' l-ieħor. Is-sid qal li ser jagħmilha hu. Tal-IPSL marru jibdew il-bankina ta' Triq Ras in-Newwiela u ma sar xejn għaliex kellhom ordnijiet biex imorrru x-Xlendi.

**Item 3 Korrispondenza**

680 Memo 53/ 2010 sa Memo 61/2010 li kienu mistoqsiiet Parlamentari li jikkonċernaw il-Kunsilli Lokali.

681 Email bid-data ta' 26 ta' April 2010 mingħand il-Kunsiller Manuel Tabone rigward il-laqgħat imsejħa b'urġenza fejn qal li laqgħa b'urġenza tista' tissejjah fuq materja waħda, kif ukoll li ma jistax jattendi għal laqgħa tas-26 ta' April 2010. Hu talab li din tiġi annessa mal-minuti. Email oħra ta' Manuel Tabone datata 29 ta' April 2010 dwar il-proċedura tal-liġi rigward sejħat tal-laqgħat. Hu talab li din tiġi annessa wkoll mal-minuti. Dawn huma annessi mal-minuti bħala Annex 1 u Annex 2.

682 Ittra mill-Ministeru MEEF dwar seminar li ser isir fit-12 ta' Ġunju 2010.

683 Ittra mingħand Michael Saliba rigward Triq Mġarr ix-Xini fejn ilmenta li hemm tankijiet, materjal tal-plastik, white goods u ġebel mill-ħitan tas-sejjieħ imwaqqa fit-triq. Dwar din il-materja ġa ktibna lil-Customer Care tal-Ministeru għal-Għawdex u l-Public Cleansing. It-tankijiet u white goods li hemm aħna nfurmati li ser jitneħħew il-ġimgħa d-dieħla.

684 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għal konferenza *Life Long Learning Programme - Leonardo Da Vinci The cycle of recycling: Recover and reuse expertise and resources to develop cohesive and sustainable communities* li ser isir fis-19 ta' Mejju 2010.

685 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kitbet lill-Kunsilli Lokali li l-laqgħa tas-Sindki li kellha ssir fil-14 u l-15 ta' Mejju 2010 tħassret u ser issir fil-24 u l-25 ta' Settembru 2010.

686 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-ħaddiema li hemm assenjati ma' xi wħud mill-Kunsilli Lokali fejn dawn ġew mitluba biex fuq bażi volontarja jċedu dawn il-ħaddiema ħalli jingħaqdu fil-pool tal-IPSL.

687 Stedina mill-Kunsill Lokali Fontana għall-parteċipazzjoni f'attivita' sportiva fil-bajja tax-Xlendi li ser issir is-Sibt, 31 ta' Lulju u l-Ħadd 1 ta' Awwissu 2010.

688 Ittra mingħand A.F. Ellis rigward il-ħlas tal-kont tagħhom għax-xogħol tal-granit tat-taraġ li sar għall-uffiċini ġodda. Il-perit bagħat email li x-xogħol sar sewwa.

689 Acknowledgement mit-Transport Malta rigward applikazzjoni għal *double yellow lines* ħdejn il-bank fi Pjazza tax-Xelina.

690 Risposta mill-Kunsill Lokali Xewkija rigward il-laqgħa bejn il-Kunsill Lokali Sannat u Xewkija rigward il-Proġett ta' Mġarr ix-Xini Regional Park. Il-proposta hi li jirranġaw is-Sindku bejniethom.

691 Ittra mill-WSC rigward il-kontijiet ta' trinek tas-sena 2007. Din intbagħtet lura biex tiġi rranġata għaliex Triq it-Tempju tal-Imramma, Triq Durell u Ħarruba kienu ngħataw it-tarmak fil-2006.

692 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar intervista li ser issir rigward l-attivita' Notte Scarlata fil-20 ta' Mejju 2010 fil-bini tal-Broadcasting Authority, Triq Milend, Ħamrun. Għal din l-intervista sejjer is-Sindku u l-Kunsillier Manuel Tabone.

693 Ittra mill-MUESAC rigward ESF priority Axis 1/3 Improving Education and Skills. Il-Kunsill iffirma *letter of interest* flimkien ma' Kunsilli oħra li nteressati.

694 Ittra mis-Segretarju tal-Mosta rigward laqgħa li kellha ssir dwar evalwazzjoni tat-tenders tal-Kumitat Kunsilli Enerġija Alternattiva.

695 Ittra rigward l-Intelligent Energy Europe 2010 organizzat mill-MEUSAC.

696 Ittra ta' ringrazzjament mill-Kunsilliera Teddy Bajada u Joe Bajada fejn irringrazzjaw lill-Kunsill għas-solidarjeta f'mument diffiċli wara t-telfa ta' missierhom.

697 Ittra mill-MEPA rigward l-applikazzjoni tal-latrina pubblika fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini fejn tablet informazzjoni dwar xi teknikalitajiet tal-applikazzjoni. Il-perit irid direzzjoni jekk il-Kunsill hux ser ikompli fil-proġett. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' Victor Borg nhar is-Sibt, 15 ta' Mejju 2010 fit-3.00 p.m.

698 Ittra mill-MEPA li ser tingħata iktar informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet lill-Kunsilli Lokali. Il-MEPA flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser torganizza numru ta' laqgħat ta' taħriġ għal impjegati amministrattivi biex ikunu jafu aħjar il-benefiċċi tas-sistema.

699 TC-TC ser tagħmel laqgħa għall-Kunsilli Lokali ta' Għawdex dwar *Training Opportunities* f'Għawdex li huma EBIZ u ETFAL. Dan il-laqgħa ġiet posposta għat-22 ta' Mejju 2010 fejn ser tiġi mmnedija uffiċjalment din l-iskema fil-Fondazzjoni Arka fil-10.00 a.m. Id-data tal-għeluq għal-applikazzjonijiet tal-korsijiet ġiet imtawla.

700 Ittra mingħand Galea Curmi Consultants fejn bagħtu stima għal installazzjoni ta' R.C.D. type 30mA ma' kull arblu tal-fanali sabiex ma tibqax taqa' s-salvavita. Il-prezz hu ta' €53.78 għall-R.C.D ma' kull arblu.

701 Ittra mingħand is-Sur Camilleri tat-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern li ntbagħtet ittra lil John Grima. John Grima mar ikellimhom. Huma spjegawlu kif huma l-affarijiet min-naħa tat-Taqsima tal-Proprjeta' tal-Gvern. Hu qalilhom li se jerġa' jmur ikellimhom mal-perit tiegħu. Irriżulta lit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern ma tantx hi ħerqana li tagħmel il-*Caution* fuq din l-art. Il-Kunsill għandu jagħmel arranġamenti sabiex issir laqgħa mal-avukat tat-Taqsima tal-Artijiet tal-Gvern u l-avukat u l-perit tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni.

702 Ittra mill-Kunsill Malti għal Sports fejn il-Kunsill ġie mistieden jattendi għal laqgħa li saret nhar it-22 ta' April 2010 fil-Kwartieri Generali tal-GFA rigward l-Iskema Sports.

SANNAT

**Item 4. Materja Oħra**

703 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li wasal iż-żmien biex jiġġeddu l-kuntratti. Dawn ser jgħalqu kollha f'Mejju. Dawn huma:

Tal-konsulent legali
Tal-perit
Tat-Tindif tal-Latrina Pubblika
Tat-Tindif ta' Toroq Urbani
Tindif u manutenzjoni tal-playing field

Dawn ser jagħilqu kollha f'Mejju. Dawn tħallew għal laqgħa oħra. Rigward il-kuntratt tat-Tindif tat-Toroq Urbani, is-Sindku qal li kien hemm rappport li fi Triq il-Kbira kien hemm ġurdien u ma tneħħiex u kellu kliem iebes min-naħa ta' missier il-kuntrattur. Is-Sindku qal li jrid apoloġija bil-miktub mingħand Paul Pace dwar kif kellmu u jinsa kollox.

704 Il-perit tal-Kunsill ikkonferma li Joseph Attard, il-kuntrattur li kien għamel ix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-uffiċċju tal-Kunsill l-ġdid għamel ix-xogħol li kellu jagħmel u ma jsibx oġġezzjoni li jitħallas.

705 Fil-playing field tkissru l-erbgħa bandli tat-tfal. Dwar dan sar rapport mill-kuntrattur lill-pulizija. Il-bandli mkissra ġew irranġati.

706 Is-Sindku ppropona li għal din is-sena jerġa' jiġi provdut t-transport għall-knisja ta' Pinu f'Erbgħat tal-Madonna. Il-Kunsill qabel u n-nies ser iħallsu euro kull darba u d-differenza ser titħallas mill-Kunsill. L-Arċipriet għandu javża minn fuq l-artal dwar dan is-servizz provdut.

707 Tal-Beach Cleaning għandhom jixtru l-materjal sabiex jiżbgħu r-railing etc. fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini.

708 Joseph Attard tħallas tal-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill wara li ġie ċertifikat mill-perit. Dan l-aħħar Joseph Attard qal li hu ma tħallasx taċ-ċinturini li saru fil-pedamenti. Il-perit ġie nfurmat dwar dan.

709 Il-Kunsill approva l-Business Plan ta' Tlett Snin, ir-Rapport Amministrattiv 2009 u r-risposta tal-management letter.

**Item 5. L-Attivita' Notte Scarlata**

710 Is-Sindku ta aktar dettalji dwar il-programm ta' attivitajiet ta' Notte Scarlata. Is-Sindku qal li fir-rigward tal-materjal stampat, filming u sound mhux ser jaqbżu l-€1,165 u għalhekk mhux ser ikun hemm bżonn tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet. Is-Segretarju talab stima dettaljata tal-ispejjeż li ser jintefqu f'din l-attivita' biex tittieħed azzjoni ħalli ma jinqabiżx l-ammont ivvutat fil-budget. Ser ikun hemm xi sponsors għal din l-attivita'. Val Valente l-mużiċist li ġej għal din l-attivita' qed jitlob €1,062 għas-Sibt, 5 ta' Ġunju. Hu jrid €300 bħala deposit.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

**Item 6. Ilmenti**

711 Ċemplu mis-Segretarjat ta' Dr. Chris Said fejn qalu li waslilhom ilment li fi Triq l-20 ta' Lulju reġa hemm ammont ta' mbarazz fit-triq.

712 Anthony Cauchi ta' Triq Marsilja talab sabiex tiġi rranġata l-bankina ħdejn il-dar *Dewdrops*. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jirranġa l-ħsara li għamlu l-kuntatturi li għamlu x-xogħol sabiex inbnew l-flattijiet tiegħu. Għalhekk għandha tinkiteb ittra lilu fejn jiġi nfurmat li waqt ix-xogħol ta' kostruzzjoni saret l-ħsara lill-bankina u għalhekk hu responsabbli li jirranġa din il-ħsara. Għandha tinkiteb ittra lil-MEPA biex tiġi annessa mal-permess sabiex il-ħsara li ssir tiġi rranġata u ma jħallux materjal tal-bini fit-triq wara li ilestu mix-xogħol.

713 Maria Axiaq tablet sabiex jingħata ftit siment biex issir rampa żgħira fil-bieb li għandhom fi Triq l-20 ta' Lulju sabiex missierha jkun jista' joħroġ bil-wheel chair. Il-Kunsill qabel li din tiġi rranġata għar-raġuni li din hi għal persuna bil-wheelchair kif ukoll hi triq imwarba.

714 Ilment ta' Ganni Curmi fi Triq Ċenċ sabiex titkaħħal il-kurduna tal-bankina li għandu mad-dar tiegħu għaliex qed jidħol l-ilma.

715 Fuq il-bozza ta' Triq Xabbata Galea Curmi ipproponew li din tiġi mkabbra għal 150w flok 70w.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.45 u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010 fis-7.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

SANNAT

**Annex 1**

26th April 2010

Mayor,
Executive Secretary,

As provided in the amendments, an urgent meeting can be convened without the authorisation of the DLG but please try to limit the meeting for the urgent matter in question, Item no. 2.

*"Convening of urgent Council meeting.*

*29A. The Mayor, or at least one-third of the Councillors, shall have the right to request an urgent meeting. The urgent meeting shall only discuss the urgent matter for which the meeting has been convened and no other. The subsequent meeting shall still be held on the same day as agreed in the last regular meeting. The Executive Secretary shall be obliged to convene the urgent meeting by not later than three working days from the receipt of the request."* Chapter 363 LC Act

As already communicated, it will be impossible to attend today's meeting due to short notice and the specific day in question, although still, I will do my best to attend. For the sake of impartially I still believe that the ideal situation would be engaging an external selection board to shortlist submissions from the public and then the council members, altogether (5), decide on the most suitable person to be awarded *Ġieħ Sannat*. I strongly believe that there should be only ONE *Ġieħ Sannat*.

Regards,

Manuel Tabone

Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

**Annex 2**

29th April 2010

Segretarju Ezekuttiv,
Sindku u
Kunsilliera,

Nixtieq niccara zewg punti relatati ma procedura u ligi. Tajjeb li l-*goalpost* ma joqghodx jiccaqlaq kif konvenjenti.

Naqbel perfettament li b'mod unanimu l-gurija ghazlet lil Mons Lawrenz Sciberras, hekk kien sewwa u xieraq.

Pero hemm nuqassijiet li l-Kunsill qed jaghmel fir-rigward ta' procedura u tajjeb li nifmhu li l-procedura hija wahda legali u mhux lasktuwa. Originarjament, kif documentat fil-minuti tal-laqgha precedenti l-gurija kellha tkun komposta minn:

1. Sindku, Philip Vella,
2. Kunsillier, Anthony Mercieca
3. Kunsillier, Joseph Bajada

Skond l-informazzjoni fl-Agenda mibghuta, l-laqgha urgenti li ssejhet specifikament biex jinhatar il-membru fil-bord tal-ghazla u mhux biex il-Kunsill jahtar il-kandidat ghal Gieh Sannat. Sa kemm kienet tibqa li l-bord tal-ghazla qabel unanimament li jaghzel lil Mons Lawrenz Sciberras ma kontx insib oggezzjoni pero li jkun specifikat fil-Pjazza min kienu l-membri tal-gurija bl-assenrza tieghi tistona ma naqbilx u hija xi haga li irritatni.

Kif specifikat fl-email ta' qabel (hawn taht mibghuta minni – Annex 1) cara daqs il-kristal, laqghat urgenti ma jistghux jissejhu ghal aktar min tema partikulari, nifhem li din suppost cara ghal kulhadd, ghax din hija ligi. Il-laqgha tal-*part-time clerk* ma kelliex tigi deciza waqt din il-laqgha.

Nixtieq li din l-korrispondenza tigi annessa mal-minuti biex tirrifletti l-veduti tieghi b'mod konkret.

Tislijiet,

Manuel Tabone